

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/685

tal-20 ta' Mejju 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tal-perklorat f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ⁽²⁾ jiffissa l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) Fit-30 ta' Settembru 2014, il-Bord Xjentifiku dwar Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel ("il-Bord CONTAM") tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adotta opinjoni xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika relatati mal-preżenza tal-perklorat fl-ikel ⁽³⁾. Il-Bord CONTAM stabbilixxa doża tollerabbli ta' kuljum ta' 0,3 mikrogrammi għal kull kilogramma tal-piż kuljum, abbażi tal-inibizzjoni tal-użu tal-jodju mit-tirojde fl-adulti b'saħħithom. Il-Bord CONTAM ikkonkluda li l-istima attwali għall-esponiment kroniku għall-perklorat fid-dieta hija ta' tħassib potenzjali, b'mod partikolari għal dawk li jikkunsmaw livelli għolja fil-gruppi tal-età iżgħar tal-popolazzjoni b'nuqqas ħafif sa moderat tal-jodju. Barra minn hekk, huwa possibbli li l-istima attwali għall-esponiment għall-perklorat fuq medda qasira ta' żmien hija ta' tħassib għat-trabi mredda' u t-tfal iżgħar b'konsum baxx ta' jodju.
- (3) Il-Bord CONTAM irrakkomanda li l-Istati Membri jgħbru *data* addizzjonali dwar l-okkorrenza tal-perklorat fl-ikel fl-Ewropa, speċjalment fir-rigward tal-ħxejjex, tal-formula tat-trabi, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, sabiex tkompli tinaqqas l-inċertezza fil-valutazzjoni tar-riskju.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/682 ⁽⁴⁾ ġiet adottata abbażi tar-rapport xjentifiku bl-oġġettiv li tiġi mmonitorjata l-preżenza tal-perklorat fl-ikel, b'mod partikolari fil-kampjuni tal-ikel meħuda wara l-1 ta' Settembru 2013, meta ġew implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni.
- (5) L-Awtorità wettqet valutazzjoni tal-esponiment tal-bnedmin għall-perklorat filwaqt li qieset id-*data* dwar l-okkorrenza disponibbli fil-bażi tad-*data* tagħha minn kampjuni meħuda wara l-1 ta' Settembru 2013 u ppubblikat ir-rapport xjentifiku "Dietary exposure assessment to perchlorate in the European population" (Valutazzjoni tal-esponiment djetetiku għall-perklorat fil-popolazzjoni Ewropea) ⁽⁵⁾ fl-2017.

⁽¹⁾ ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

⁽³⁾ EFSA CONTAM Panel (EFSA Panel on Contaminants in the Food Chain), 2014. Scientific Opinion on the risks to public health related to the presence of perchlorate in food, in particular fruits and vegetables. EFSA Journal 2014;12(10):3869, 106 pp. doi:10.2903/j.efs.2014.3869 <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/3869>

⁽⁴⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/682 tad-29 ta' April 2015 dwar is-sorveljanza tal-preżenza tal-perklorat fl-ikel (ĠU L 111, 30.4.2015, p. 32)

⁽⁵⁾ EFSA (European Food Safety Authority), Arcella D, Binaglia M and Vernazza F, 2017. Scientific Report on the Dietary exposure assessment to perchlorate in the European population. EFSA Journal 2017;15(10):5043, 24 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efs.2017.5043>

- (6) Il-Bord CONTAM ikkunsidra l-eżitu tar-rapport dwar il-perklorat fl-ikel fis-87 laqgħa plenarja tiegħu f'Novembru 2017 ⁽⁶⁾ u nnota allinjament sostanzjali tal-livelli tal-esponiment stmati f'dan ir-rapport ma' dawk stmati fl-opinjoni tal-Bord CONTAM fl-2014. Fid-dawl tad-doża tollerabbli ta' kuljum stabbilita preċedentement ta' 0,3 µg/kg tal-piż kuljum, il-Bord CONTAM ikkonferma l-konklużjoni li l-esponiment attwali kroniku u fuq medda qasira ta' żmien għall-perklorat jista' joħloq tħassib possibbli għas-saħħa tal-bniedem.
- (7) Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi ta' perklorat kemm fil-prodotti tal-ikel li fihom livelli sinifikanti ta' perklorat u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-esponiment tal-bniedem kif ukoll fl-oġġetti tal-ikel li huma ta' rilevanza fir-rigward tal-esponiment possibbli tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni bħat-trabi u t-tfal żgħar.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jiġi emendat skont dan.
- (9) Jenħtieġ li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw iż-żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda stipulati f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, id-data tal-applikazzjoni tal-livelli massimi tal-perklorat għal dawk l-oġġetti tal-ikel jenħtieġ li tiġi differita.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament li tqiegħdu fis-suq legalment qabel l-1 ta' Lulju 2020 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sad-data tad-durabbiltà minima tagħhom jew sad-data tal-iskadenza tagħhom.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽⁶⁾ <http://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/event/171121-m.pdf>

ANNEX

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, tiżdied it-“Taqsim 9 Perklorat” li ġejja:

“Taqsim 9: Perklorat

	Oġġetti tal-Ikel (1)	Livelli massimi (mg/kg)
9.	Perklorat	
9.1.	Frott u ħxejjex ħlief: — <i>Cucurbitaceae</i> u kale — ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi	0,05 0,10 0,50
9,2	Tè (<i>Camellia sinensis</i>), imnixxef Infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott, imnixxfa	0,75
9,3	Formula tat-trabi, formula ta' prosegwiment, ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u formula tat-tfal żgħar ^{(3) (4) (*)} Ikel tat-trabi ^{(3) (4)} Ikel abbażi taċ-ċereali, ipproċessat ^{(3) (29)}	0,01 0,02 0,01

(*) il-formula tat-tfal żgħar huma xarbiel abbażi tal-ħalib u prodotti simili abbażi tal-proteini maħsuba għat-tfal żgħar. Dawn il-prodotti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 (ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-formuli tat-tfal żgħar (COM/2016/0169 finali) (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016DC0169&qid=1559628885154&from=MT>)).”